MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 187/2004

**Untours Insurance Agents Ltd (C 5655)ghal Qatar Insurance Company, surrogata fid-drittijiet ta' John Dimech u l-istess John Dimech**

**vs**

**Sultana Philip**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Jannar, 2004 fejn intalab li jigi dikjarat li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh fil-5 ta' Mejju, 2003 f'Hal Qormi bejn Seat Cordoba numru CAC 772 tal-attur u s-Citroen Berlingo numru HAT 115 misjuqa mill-konvenut u kundanna lill-konvenut li jhallas, in linea ta' dan Lm25 lil Untours Insurance Agents Ltd noe u Lm125 lil John Dimech.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Jannar, 2004 ai termini tal-Kap 104, u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-4 ta' Marzu, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25), u lill-attur John Dimech is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125). Bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Jannar, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Jannar, 2004 ai termini tal-Kap 104 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------